

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.1.2009  
KUMM(2009) 14 finali

2009/0001 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' [...]**

**li tistabbilixxi programm Komunitarju għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam  
tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika**

{SEG(2009) 54}

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fis-settur tas-servizzi finanzjarji u l-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika statutorja, il-Komunità hija mistennija tappoġġa finanzjarjament attivitajiet ta' ċerti korpi, kemm Ewropej kif ukoll internazzjonali, biex tiġi żgurata l-effikaċja tal-politiki Komunitarji f'dawn l-oqsma. L-għan ta' din id-Deċiżjoni għalhekk huwa li jiġi stabbilit programm ġdid Komunitarju li jippermetti kontribuzzjonijiet diretti għall-iffinanzjar ta' dawk il-korpi skont il-baġit Komunitarju. Dawn il-kontribuzzjonijiet ser jiżguraw iffinanzjar stabbli, diversifikat, razzjonali u adegwat li jippermetti lil tali korpi jirrealizzaw il-missjoni tagħhom b'mod indipendenti u effiċjenti.

Il-Kummissjoni rrikonossiet ir-rwol ewlieni li għandhom il-Kumitati tas-Superviżuri IASCF, EFRAG u PIOB fit-tkomplija u l-operat tas-Suq Intern. Fl-istess waqt, il-Kummissjoni nnutat li l-implimentazzjoni xierqa ta' wħud mill-politiki Komunitarji ewlenin tista' tiġi ppreġudikata minħabba finanzjament inadegwat ta' dawn il-korpi. Tali sitwazzjoni attwalment tinħoloq jew (i) minħabba mezzi finanzjarji insuffiċjenti biex jitwettqu ċerti proġetti (il-Kumitati tas-Superviżuri, EFRAG) jew (ii) minħabba d-dipendenza fuq finanzjament mhux diversifikat, u volontarju mill-partijiet interessati (IASCF, EFRAG, PIOB). Fil-każ tal-aħħar, l-arranġamenti attwali ta' finanzjament b'hekk iwassal għal tħassib kontinwu dwar l-indipendenza ta' dawn il-korpi. F'evalwazzjoni *ex ante* estensiva, il-Kummissjoni vvalutat ħames alternattivi possibbli ta' politika: (1) kollox jibqa' kif inhu; (2) jiżdedu l-kontribuzzjonijiet fi ħdan il-mudelli eżistenti ta' finanzjament; (3) twaqqif ta' skemi nazzjonali ta' finanzjament; (4) kofinanzjament skont il-baġit Komunitarju; u (5) it-twaqqif ta' aġenziji tal-UE ddedikati (b'rabta mal-Kumitati tas-Superviżuri u l-EFRAG). Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ssejjes fuq analiżi akkademika, fuq informazzjoni u statistiki pprovduti mill-korpi rispettivi nfishon u fuq proposti u valutazzjonijiet minn istituzzjonijiet oħra Ewropej. Barra minn hekk, il-Kummissjoni eżaminat id-dispożizzjonijiet leġislativi rilevanti li huma attwalment fis-seħħ u li jgħallu obbligi għal dawn il-korpi jew li jittrasferixxulhom kompiti. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, ġie konkluż li l-aħjar alternattiva għal quddiem hija li jiġu kkofinanzjati l-Kumitati tas-Superviżuri, l-IASCF, l-EFRAG u l-PIOB jew permezz ta' għotjiet marbuta ma' għotjiet għal azzjonijiet (il-Kumitati tas-Superviżuri) jew permezz ta' għotjiet operatorji (l-IASCF, l-EFRAG u l-PIOB). Dan l-approċċ jiżgura li (1) il-Kumitati tas-Superviżuri u l-EFRAG ikunu mgħamra sewwa bil-mezzi finanzjarji biex iwettqu ċerti proġetti strateġiċi, li jeċċedu konsiderevolment l-arranġamenti attwali ta' finanzjament; u li (2) l-IASCF, l-EFRAG u l-PIOB ma jiddependux fuq finanzjament mhux diversifikat u volontarju minn partijiet interessati, b'hekk ikun evitat tħassib dwar l-indipendenza tal-attività tagħhom b'rabta mal-iffissar tal-istandards.

Fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja attwali, il-miri tal-programm Komunitarju propost jikseb importanza akbar. L-Istati Membri tal-UE jqisu li t-titjib tal-konverġenza u l-kooperazzjoni superviżorja fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u b'rabta mar-rappurtar finanzjarju u l-verifika għandhom jingħataw prijorità għolja<sup>1</sup>. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "*Minn kriżi finanzjarja għall-irkupru: Qafas Ewropew għall-azzjoni*" tad-29 ta' Ottubru 2008 tistqarr li l-

---

<sup>1</sup> Ara d-Dikjarazzjoni dwar Pjan ta' Azzjoni Ewropew konċernat għall-pajjiżi taż-Żona tal-euro (14239/08), is-Samit tal-pajjiżi taż-Żona tal-euro, Brussell, it-12 ta' Ottubru 2008 u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru (14368/08), Brussell, il-15-16 ta' Ottubru 2008, il-paragrafu 1 *et seq.*

UE teħtieġ li tiddefinixxi mill-ġdid il-mudell regolatorju u superviżorju tas-settur finanzjarju tal-UE, partikolarment għall-istituzzjonijiet finanzjarji kbar transkonfinali<sup>2</sup>. F'dan il-kuntest, hemm maħsuba diversi inizjattivi fil-livell tal-UE biex iwasslu għal titjib sostantiv fl-istrutturi superviżorji eżistenti (eż. l-emendi li ġejjin għad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jistabbilixxu l-Kumitati tas-Superviżuri<sup>3</sup> jew l-introduzzjoni ta' Kulleġġi ta' Superviżuri skont il-proposta tar-reviżjoni tad-Direttiva tar-Rekwiżiti Kapitali<sup>4</sup>). Dawn l-inizjattivi jitwettqu parallel u mingħajr ħsara għar-riflessjoni prospettiva dwar il-qafas superviżorju futur Ewropew li qed jitħejja fil-grupp ta' livell għoli, imwaqqaf mill-Kummissjoni fil-21 ta' Ottubru 2008 u pprevedut minn Jacques de Larosière.<sup>5</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2008 tistqarr li l-kriżi wriet ukoll il-bżonn li jiġu kkoordinati l-azzjonijiet kemm fuq livell Ewropew kif ukoll flivell internazzjonali<sup>6</sup>. F'dan il-kuntest, il-konklużjonijiet tas-Samit G20 ġewwa Washington fil-15 ta' Novembru 2008<sup>7</sup> huma kruċjali, u jsostnu partikolarment il-bżonn li tissaħħaħ il-koordinazzjoni internazzjonali fost is-superviżuri finanzjarji u l-istandards internazzjonali biex tittejjeb il-governanza tas-sistema finanzjarja internazzjonali. Il-momentum politiku attwali jfisser li l-bidla hija possibbli kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell internazzjonali. Il-programm Komunitarju propost jista' jikkontribwixxi għal dan u jsaħħaħ l-kontribut tal-UE fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni stipulat fid-dikjarazzjoni tas-samit tal-G20.

### 1.1. Il-Kumitati tas-Superviżuri

Il-Kumitati tas-Superviżuri huma korpi konsultattivi indipendenti mwaqqfa mill-Kummissjoni bejn l-2001 u l-2004<sup>8</sup> u magħmula minn superviżuri nazzjonali kompetenti fil-qasam tat-titoli, l-ibbankjar u l-assigurazzjoni f'kull Stat Membru. Il-mandat tagħhom fih tliet aspetti: L-ewwel, huma għandhom iservu bħala korpi indipendenti għar-riflessjoni, dibattitu u pariri għall-Kummissjoni fl-oqsma msemmija. It-tieni, għandhom jikkontribwixxu favur l-implimentazzjoni konsistenti u f'waqtha tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fl-Istati Membri. It-tielet, huma għandhom jikkontribwixxu favur il-konverġenza tal-prattiki superviżorji madwar il-Komunità u jippromwovu kooperazzjoni f'kull wieħed mill-oqsma msemmija, perzemeppju permezz tal-iskambju tal-informazzjoni. Il-Kumitati tas-Superviżuri jaġixxu indipendentement meta jwettqu t-tieni u t-tielet aspett tal-mandat tagħhom, billi minnha nnifisha s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji mhix kompetenza tal-UE. Evalwazzjonijiet reċenti tal-operat ta' dawn il-Kumitati mill-Istituzzjonijiet Ewropej u gruppi konsultattivi varji<sup>9</sup> u l-kriżi tas-swieq finanzjarji li feġġet sa mill-2007<sup>10</sup> urew il-ħtieġa ta' progress urġenti f'dawn l-oqsma.

<sup>2</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Minn kriżi finanzjarja għall-irkupru: Qafas Ewropew għall-azzjoni" (COM (2008) 706 finali), Brussell, id-29 ta' Ottubru 2008, p. 4.

<sup>3</sup> Għal aktar tagħrif, ara: [http://ec.europa.eu/internal\\_market/finances/actionplan/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/internal_market/finances/actionplan/index_en.htm)

<sup>4</sup> Għal aktar tagħrif, ara: [http://ec.europa.eu/internal\\_market/bank/regcapital/index\\_en.htm#capitalrequire](http://ec.europa.eu/internal_market/bank/regcapital/index_en.htm#capitalrequire)

<sup>5</sup> Ara l-Istqarrija tal-Kummissjoni lill-Istampa tal-11 ta' Novembru 2008 (IP/08/1679), fuq il-paġnaweb: <http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=IP/08/1679&format=HTML&aged=0&language=EN&guiLanguage=en>

<sup>6</sup> Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Minn kriżi finanzjarja għall-irkupru: Qafas Ewropew għall-azzjoni" (COM (2008) 706 finali), Brussell, id-29 ta' Ottubru 2008.

<sup>7</sup> Declaration of the Summit on Financial Markets and the World Economy, Washington, il-15 ta' Novembru 2008.

<sup>8</sup> Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/527/KE, 2004/5/KE u 2004/6/KE li jistabbilixxu l-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli (CESR), il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej (CEBS) u l-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (CEIOPS), rispettivament.

<sup>9</sup> Ara pereżempju, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-Reviżjoni tal-proċess Lamfalussy - It-tisħiħ tal-konverġenza tas-sorveljanza (COM(2007) 727 finali) FSC's Report on Long Term

Huwa xieraq għall-Komunità li tikkontribwixxi finanzjarjament għal azzjonijiet speċifiċi tal-Kumitati tas-Superviżuri meta jitqies li l-Kumitati (i) iwettqu funzjonijiet ewlenin fir-rigward tal-qafas superviżorju Ewropew, (ii) iwettqu proġetti li jistgħu jkunu elementi importanti fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE u, (iii) bħala netwerks ta' awtoritajiet superviżorji nazzjonali li jirrappreżentaw l-oqsma kollha tas-servizzi finanzjarji, irawmu kultura ta' superviżjoni finanzjarja Ewropea.

It-tliet Kumitati tas-Superviżuri mgħandhomx personalità ġuridika fil-livell Ewropew. Madankollu, biex ikun possibbli li jiġu kkuntrattati partijiet terzi u tiġi ffaċilitata l-operat u l-amministrazzjoni tal-Kumitati, il-membri ta' kull Kumitat tas-Superviżuri waqqaf strutturi ta' appoġġ b'personalità ġuridika f'kull Stat Membru fejn jinsabu dawn il-kumitati, jiġifieri, fi Franza, ir-Renju Unit u l-Ġermanja<sup>11</sup>. Il-Komunità ser tikkontribwixxi finanzjarjament lil dawn l-istrutturi ta' appoġġ permezz ta' għotjiet ta' azzjoni. Dawn l-għotjiet ta' azzjoni ser jintużaw esklussivament mill-istrutturi ta' appoġġ biex jiġu ffinanzjati ċerti proġetti li jirrigwardjaw, partikolarment, it-taħriġ tal-persunal tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-immaniġġjar tal-proġetti tat-teknoloġija informatika. Dawn l-għotjiet ta' azzjoni ma għandhom bl-ebda mod jinterferixxu mal-ambitu tal-mandati tal-Kumitati nnifishom. Barra minn hekk, ser ikun iddikjarat fl-għotjiet innifishom li l-obbligazzjonijiet kollha li joriġinaw b'konsegwenza tal-finanzjament Komunitarju tal-Kumitati tas-Superviżuri ser jinġarru mir-riċevituri, jiġifieri l-istrutturi ta' appoġġ ġuridiċi. L-istrutturi ta' appoġġ ġuridiċi għall-Kumitati ser jingħataw ukoll struzzjonijiet biex jiżguraw li l-istatuti tal-inkorporazzjoni jiddikjaraw ċarament li l-kompiti tagħhom ikunu limitati għall-funzjonijiet ta' appoġġ amministrattiv, inkluż partikolarment it-taħriġ tal-persunal tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-immaniġġjar tal-proġetti tat-teknoloġija informatika.

## 1.2. Rappurtar finanzjarju

Ġabra waħda ta' standards internazzjonali ta' kwalità għolja ta' kontabbiltà jappoġġa l-operat effiċjenti tas-suq intern Komunitarju billi jiġi żgurat li l-investituri, kredituri u partijiet interessati oħra jkollhom aċċess għal informazzjoni f'waqtha, affidabbli u rilevanti dwar il-qagħda finanzjarja tal-kumpaniji.

Fil-każ tas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji, il-kriżi fis-swieq finanzjarji li feġġet sa mill-2007 ressqet il-kwistjoni tal-istandards tal-kontabbiltà fuq quddiem tal-aġenda politika tal-UE<sup>12</sup>. Huma meħtieġa t-trasparenza u kooperazzjoni globali sabiex jiġi żgurat li l-flussi kapitali traskonfinali u l-operazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu mmonitorjati b'mod konsistenti internazzjonalment. Fl-istess waqt, għandu jiġi ggarantit ambjent ekwu għall-kumpaniji madwar id-dinja meta dawn jiġu soġġetti għall-obbligi ta' rappurtar finanzjarju.

---

Supervisory Issues ("Ter Haar Report"; FSC 4162/08); Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-politika tas-servizzi finanzjarji (2007)0338; Report of the Inter-institutional Monitoring Group (IIMG), disponibbli fil-paġnaweb:

[http://ec.europa.eu/internal\\_market/finances/committees/index\\_en.htm#interinstitutional](http://ec.europa.eu/internal_market/finances/committees/index_en.htm#interinstitutional)

<sup>10</sup> Ara pereżempju, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa (II-Konklużjonijiet tal-Presidenza 7652/1/08), Brussell, it-13-14 ta' Marzu 2008, il-paragrafu 30 *et seq*, disponibbli fuq il-paġnaweb [http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms\\_Data/docs/pressData/MT/ec/99425.pdf](http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms_Data/docs/pressData/MT/ec/99425.pdf).

<sup>11</sup> "Association Loi 1901" fi Franza għas-CESR, "eingeschriebener Verein (e.V.)" fil-Ġermanja għas-CEOIPS u "Limited company by guarantee and without share capital" fir-Renju Unit għas-CEBS.

<sup>12</sup> Ara pereżempju, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa (II-Konklużjonijiet tal-Presidenza 7652/1/08), Brussell, it-13-14 ta' Marzu 2008, il-paragrafu 30 *et seq*, disponibbli fuq il-paġnaweb [http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms\\_Data/docs/pressData/MT/ec/99425.pdf](http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms_Data/docs/pressData/MT/ec/99425.pdf).

Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 ("ir-Regolament tal-IAS") jipprevedi l-applikazzjoni mandatorja tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) mill-kumpaniji b'titoli elenkati f'suq regolat fl-UE.

L-IFRS jinħarġu mill-Bord Internazzjonali tal-Istandards tal-Kontabbiltà (IASB) u l-interpretazzjonijiet relatati mill-Kumitat Internazzjonali għall-Interpretazzjonijiet dwar ir-Rappurtar Finanzjarju (IFRIC), żewġ korpi **tal-Fondazzjoni Internazzjonali tal-Kumitat tal-Istandards tal-Kontabbiltà (IASCF)**<sup>13</sup>.

L-inkorporazzjoni tal-IFRS fid-dritt Komunitarju jfisser li dawn l-istandards għandhom rwol ewlieni fl-operat tas-Suq Uniku u l-ekonomija tal-UE. Għalhekk il-Komunità għandha interess dirett fl-iżgurar li l-proċess li permezz tiegħu dawn l-istandards jiġu żviluppanti u approvati jirriżulta fi standards li jkunu konsistenti mal-interess pubbliku (eż. stabbiltà finanzjarja), mal-qafas ġuridiku tal-Komunità u mar-realtà tan-negozju Ewropew.

Partikolarment, l-indipendenza tal-proċess tal-istipular tal-istandards mingħajr xi influwenza mhux xierqa minn partijiet b'interess fir-riżultat tal-proċess tal-istipular tal-istandards mill-IASB hija kruċjali. It-tħassib ewlieni f'dan ir-rigward huwa li tiġi evitata d-dipendenza tal-istipulant tal-istandards fuq finanzjament volontarju minn partijiet interessati (bħal awdituri jew kumpaniji elenkati). L-istabbilment ta' arranġamenti xierqa ta' finanzjament għall-IASCF huwa importanti biex tinqata' din id-dipendenza. Barra minn hekk dan għandu jikkontribwixxi biex tiġi ggarantita l-indipendenza tal-attività tagħha tal-istipular tal-istandards u jitrażżan it-tħassib dwar kunflitti possibbli ta' interess. Meta jitqies li l-IFRS huma ddestinati li jiġu inkorporati fid-dritt Komunitarju, kontribuzzjoni finanzjarja għall-baġit tal-IASCF mill-baġit Komunitarju, proporzjonat għall-importanza tal-Komunità fl-ekonomija u s-suq kapitali globali, hija neċessarja biex tgħin jintlaħqu l-għanijiet ta' hawn fuq. It-tħassib li ilu hemm għal ħafna żmien dwar l-arranġamenti finanzjarji tal-IASCF ġie enfasizzat kemm-il darba, notevolment mill-Kunsill ECOFIN fil-konklużjonijiet adottati f'Lulju 2006<sup>14</sup> u Lulju 2007<sup>15</sup>, kif ukoll mill-Parlament Ewropew<sup>16</sup>.

Ir-riforma tar-reġim ta' finanzjament tal-IASCF hija neċessarja imma mhux biżżejjed biex tittejjeb l-indipendenza tal-IASCF u għalhekk dak ir-reġim jeħtieġ li jiġi vvalutat fl-isfond usa' tar-riformi proposti fil-governanza tal-IASCF. Fil-qafas tal-eżami statutorju tal-IASCF ta' kull ħames snin li għaddej bħalissa, il-Kummissjoni qed tfittex ukoll li jsiru għadd ta' riformi ta' governanza mmirati għal titjib tal-kontabbiltà u l-indipendenza tal-IASCF, kif ukoll titjib fil-proċess proprju tal-IASB. Dawn ir-riformi għandhom jiġu implimentati sa meta jidħol fis-seħħ il-kofinanzjament Komunitarju.

---

<sup>13</sup> L-IASCF huwa korp Ewropew ta' standards skont it-tifsira tal-Artikolu 162(a) tar-Regolament Implimentattiv tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-UE, bħala korp li jstipula l-istandards tal-kontabbiltà li jkunu applikabbli fl-UE skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

<sup>14</sup> L-2741 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji). Brussell, il-11 ta' Lulju 2006. Stqarrija lill-Istampa disponibbli fuq il-paġnaweb: [http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms\\_Data/docs/pressData/en/ecofin/90465.pdf](http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms_Data/docs/pressData/en/ecofin/90465.pdf)

<sup>15</sup> L-2813-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji). Brussell, il-10 ta' Lulju 2007. Stqarrija lill-Istampa disponibbli fuq il-paġnaweb: [http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms\\_Data/docs/pressData/en/ecofin/95233.pdf](http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms_Data/docs/pressData/en/ecofin/95233.pdf)

<sup>16</sup> Ara l-paragrafu 16 tar-Riżoluzzjoni tal-PE dwar l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) u l-Governanza tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IASB) adottata fl-24 ta' April 2008, disponibbli fuq il-paġnaweb: <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+REPORT+A6-2008-0032+0+DOC+XML+V0//MT>.

**Il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG)** twaqqaf fl-2001 minn organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw lill-emittenti, l-investituri u l-professjoni tal-kontabbiltà involuti fil-proċess ta' rappurtar finanzjarju<sup>17</sup>. B'konformità mar-Regolament IAS, l-EFRAG tipprovdi lill-Kummissjoni Ewropea b'opinjonijiet dwar jekk standard tal-kontabbiltà maħruġ mill-IASB jew interpretazzjoni maħruġa mill-IFRIC li jkunu ser jiġu adottati jikkonformawx mad-dritt Komunitarju, partikolarment, mar-rekwiżiti tar-Regolament IAS fir-rigward ta' kemm jiftiehem l-istandard, ir-rilevanza, l-affidabbiltà u l-komparabbiltà tiegħu kif ukoll kemm ser iwasslu għal ġid pubbliku u l-prinċipju ta' verità u ġustizzja kif stipulat fid-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE. Ir-rwol tal-EFRAG ġie fformalizzat f'Arranġament Operatorju konkluż mas-Servizzi tal-Kummissjoni f'Marzu 2006.

Barra minn hekk, l-EFRAG qed isservi dejjem aktar ta' pjattaforma għall-partijiet interessati Ewropej (kemm pubbliċi kif ukoll privati) biex jagħtu kontribut tekniku upstream lill-IASB dwar abbozzi ta' standards tal-kontabbiltà.

Madankollu, dan l-aħħar aspekk tal-ħidma tal-EFRAG huwa ristrett minn nuqqas ta' riżorsi, li jfisser li l-interessi tan-negozju u ekonomiċi tal-UE mhumiex irrappreżentati biżżejjed fil-livell internazzjonali waqt id-diskussjonijiet mal-IASB/IFRIC. Fl-istess waqt, l-EFRAG tbat minn dipendenza attwali fuq finanzjament mhux diversifikat, volontarju minn partijiet interessati (bħal awdituri), li johlqo tħassib dwar l-indipendenza tal-attività tal-analiżi tal-istandards u dwar il-kunflitti possibbli ta' interess. Fil-konklużjonijiet tiegħu adottati fit-8 ta' Lulju 2008, il-Kunsill ECOFIN laqa' l-isforzi għal titjib tar-rwol tal-EFRAG sabiex jiġi żgurati li t-tħassib Ewropew jitqies kif xieraq fil-proċess tal-istipular tal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà<sup>18</sup>. Il-Parlament Ewropew ħa' pożizzjoni simili minn rajh frapport adottat f'April 2008. Barra minn hekk, fl-opinjoni tiegħu ddatata l-10 ta' Settembru 2008, il-Kumitat dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew tenna li "*jridu jkunu previsti fondi biżżejjed għall-kontribut finanzjarju [...] għat-twaqqif ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà, b'mod partikolari għall-Fondazzjoni tal-Kumitat tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà, inkluż il-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà, u l-vuċi tagħha fl-Ewropa permezz tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju*"<sup>19</sup>. Bosta partijiet interessati privati ressqu wkoll dan it-tħassib fi ħdan il-qafas tal-proġett "EFRAG enhancement" varat mill-EFRAG f'Lulju 2008<sup>20</sup>.

L-EFRAG bħalissa għaddej minn riformi ta' governanza sabiex titjeb ir-responsabbiltà, jiġu ggarantiti trasparenza akbar u skrutinju pubbliku fuq l-organizzazzjoni. Dawn ir-riformi għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel nofs tal-2009 u jiżguraw li l-istruttura tal-governanza tal-EFRAG tissodisfa l-aspettazzjonijiet flimkien mar-rwol tiegħu ta' interess pubbliku.

---

<sup>17</sup> Billi hija organizzazzjoni Ewropea li tirrappreżenta netwerk ta' korpi li ma jagħmlux profitti attivi fl-Istati Membri, l-EFRAG huwa korp li jsegwi mira ta' interess ġenerali Ewropew skont it-tifsira fl-Artikolu 162(b) tar-Regoli Implimentattivi tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-UE (ir-Regolament Nru 2342/2002).

<sup>18</sup> L-2882 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji). Brussell, it-8 ta' Lulju 2008. Stqarrija lill-Istampa disponibbli fuq il-paġnaweb: [http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms\\_Data/docs/pressData/en/ecofin/101742.pdf](http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms_Data/docs/pressData/en/ecofin/101742.pdf)

<sup>19</sup> Ara s-suġġeriment 6 tal-opinjoni dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009 disponibbli fuq il-paġnaweb: <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//NONSGML+COMPARL+PE-407.786+02+DOC+PDF+V0//EN&language=EN>.

<sup>20</sup> Għal aktar tagħrif, ara: <http://www.efrag.org/projects/detail.asp?id=134>

Meta jitqiesu r-rwoli ewlenin tal-EFRAG fl-appoġġ għal-leġiżlazzjoni u l-politiki Komunitarji u fir-rappreżentazzjoni tal-interessi Ewropej fil-proċess tal-istipular tal-istandards fil-livell internazzjonali, jeħtieġ li l-Komunità tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-EFRAG biex tiġi ggarantita konsulenza kredibbli u indipendenti kif ukoll ikun possibbli kontribut effikaċi u f'waqtu għall-proċess tal-IASB tal-istipular tal-istandards.

### 1.3. Verifika

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja teħtieġ li r-rapporti finanzjarji ta' kumpanija jkunu vverifikati minn awdituri statutorji li għandhom jipprovdu opinjoni indipendenti dwar il-pożizzjoni finanzjarja ta' kumpanija, kif riflesso fir-rapporti finanzjarji.

Approċċ armonizzat għall-verifika statutorja msejjes fuq standards ta' kwalità għolja miftiehma f'livell internazzjonali jżid il-kwalità kumplessiva tal-verifiki, kemm fi ħdan il-Komunità kif ukoll globalment, isaħħaħ il-kunfidenza pubblika fil-funzjoni tal-verifika u għaldaqstant jiżgura funzjonament effiċjenti tas-suq kapitali Komunitarju u tas-Suq Intern.

Skont id-Direttiva 2006/43/KE, l-istandards internazzjonali għall-verifika (ISAs) jistgħu jiġu adottati għall-applikazzjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea sakemm jiġu ssodisfati għadd ta' kundizzjonijiet, partikolarment, li l-istandards ikunu ġew żviluppati skont il-proċess proprju xieraq, bl-iskrutinju pubbliku u bi trasparenza. L-istandards internazzjonali għall-verifika huma żviluppati u approvati mill-Bord Internazzjonali għall-Istandards tal-Verifika u l-Assigurazzjoni (IAASB), li huwa Kumitat imwaqqaf mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC).

Il-Bord tal-Iskrutinju tal-Interess Pubbliku (PIOB) inħoloq fit-28 ta' Frar 2005 mill-Grupp ta' Monitoraġġ, organizzazzjoni internazzjonali responsabbli mill-monitoraġġ tar-riforma tal-governanza tal-IFAC<sup>21</sup>. Ir-rwol tal-PIOB huwa li jissupervizza l-proċess li jwassal għall-adozzjoni tal-ISAs u attivitajiet oħra ta' interess pubbliku tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC). Il-PIOB huwa l-korp ewlieni li jiżgura li l-ISAs ġew żviluppati u adottati skont il-proċess proprju xieraq, bl-iskrutinju pubbliku u bi trasparenza kif meħtieġ skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2006/43/KE. Il-fatt li tnejn minn għaxar membri tal-PIOB inħatru mill-Kummissjoni f'Marzu 2008 għal perjodu ta' 3 snin jixhed l-interess tal-UE fil-funzjonament tajjeb tal-PIOB.

Il-fakultà tal-introduzzjoni tal-ISAs fid-dritt Komunitarju kif maħsub fid-Direttiva 2006/43/KE jfisser li l-Komunità għandha interess dirett fl-iżgurar li l-proċess li permezz tiegħu dawn l-istandards jiġu żviluppati jirriżulta fi standards li jkunu konsistenti mal-interess pubbliku (eż. stabbiltà finanzjarja), mal-qafas ġuridiku tal-Komunità u mar-realtà tan-negozju Ewropew.

Partikolarment, l-indipendenza tal-proċess tas-superviżjoni mingħajr l-ebda influwenza mhux xierqa hija kruċjali. It-tħassib ewlieni f'dan ir-rigward huwa li tiġi evitata d-dipendenza tal-PIOB għall-iffinanzjar tagħha fuq finanzjament mhux diversifikat, volontarju minn partijiet interessati li jkollhom interess dirett fl-istandards tal-verifika. Dan it-tħassib tressaq, fost l-oħrajn, mill-istituzzjonijiet kollha pubbliċi li jisponsorjaw lill-PIOB.

---

<sup>21</sup> Il-Grupp ta' Monitoraġġ huwa magħmul mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli, il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni, il-Bank Dinji u l-Forum dwar l-Istabbiltà Finanzjarja. Ara pereżempju l-First public report of the PIOB, 2005, p5.



L-istabbilment ta' arranġamenti xierqa ta' finanzjament għall-PIOB huwa importanti biex tinqata' din id-dipendenza. Min-naħa l-oħra dan għandu jikkontribwixxi biex tiġi ggarantita l-indipendenza tal-attività tagħha tas-superviżjoni u jtrażżan it-tħassib dwar kunflitti possibbli ta' interess. Biex jintlaħaq dan l-għan, jeħtieġ għalhekk li l-Komunità tikkontribwixxi b'mod ġust għall-finanzjament tal-PIOB.

#### 1.4. Benefiċjarji oħra possibbli

Il-kriżi fis-swieq finanzjarji li feġġet mill-2007 jista' jkollha konsegwenzi fil-qasam tas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji kif ukoll fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika statutorja. Konsegwenza waħda tal-kriżi tista' tkun it-twaqqif ta' korpi ġodda fil-livell Komunitarju jew internazzjoanli f'wieħed jew aktar minn dawn l-oqsma b'mandat li jkopri għanijiet Komunitarji simili bħall-benefiċjarji msemmija hawn fuq tal-programm Komunitarju propost. Barra minn hekk, jista' jkun li wieħed mill-benefiċjarji ta' dan il-programm Komunitarju jitbiddel b'suċċessur, jiġifieri korp ġdid, bejn id-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni u tmiem il-programm Komunitarju propost. Għalhekk huwa importantissimu li d-Deċiżjoni tipprevedi dispożizzjoni li tippermetti li l-Programm jiġi adattat flessibbilment għall-bidliet fil-qafas istituzzjonali, filwaqt li jibqa' jirrispetta l-għan kumplessiv ta' dan il-Programm. Id-Deċiżjoni għalhekk tistipula li l-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni individwali meħuda skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468 tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni kkonferiti fuq il-Kummissjoni, tkun tista' tinkludi benefiċjarju ġdid jew tneħħi wieħed antik mill-Anness. Iż-żieda ta' benefiċjarji ġodda jew it-tbiddil ta' benefiċjarji antiki matul il-perjodu ta' finanzjament ikun biss possibbli f'waħda miż-żewġ sitwazzjonijiet li ġejjin:

1. Wieħed mill-benefiċjarji tal-Programm jitbiddel b'suċċessur dirett. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk is-suċċessur jissodisfa il-kriterji tal-eliġibbiltà u għalhekk jikkwalifika li jiret id-dritt tal-predeċessur tiegħu li jirċievi fondi f'dan il-programm Komunitarju. L-Anness għandu jiġi emendat skont dan. Tali għażla għandha ssir skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE<sup>22</sup>.
2. Il-qafas finanzjarji kif iddefinit fl-Artikolu 9(1) mhuwiex eżawrit kompletament. Il-Kummissjoni tista' tipproponi benefiċjarji addizzjonali għal għotja ta' azzjoni, sakemm dan tal-aħħar jikkonforma mal-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati f'din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk il-benefiċjarju propost u l-azzjonijiet rispettivi tiegħu jikkonformawx mal-kriterji stipulati f'din id-Deċiżjoni. L-Anness għandu jiġi emendat skont dan. Tali emenda għandha ssir skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE<sup>23</sup>.

Kwalunkwe benefiċjarju ġdid irid jissodisfa waħda mill-kriterji li ġejjin:

- għandu jkollu forma ġuridika u mandat simli għall-Kumitati tas-Superviżuri msemmija fit-Taqsima 1.1 hawn fuq (jiġifieri għandhom ikunu stabbiliti skont id-dritt Komunitarju u jwettqu attivitajiet ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-

<sup>22</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

<sup>23</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

politiki Komunitarji korrispondenti mmirati lejn il-konverġenza u kooperazzjoni superviżorja fil-qasam tas-servizzi finanzjarji);

- għandu jkollu mandat simili għall-korpi attivi fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika msemmija fit-Taqsima 1.2 u 1.3 hawn fuq (jiġifieri, jkunu direttament involuti fil-proċess tal-iżvilupp, l-applikazzjoni u l-monitoraġġ tal-istandards jew fis-superviżjoni tal-proċess tal-istipular tal-istandards b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politiki Komunitarji korrispondenti fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika).

## **2. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA**

### **2.1. Il-bażi ġuridika**

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea partikolarment l-Artikolu 95.

### **2.2. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-programm Komunitarju jipprevedi l-possibbiltà ta' kofinanzjament tal-attivitajiet ta' ċerti korpi li jsegwu miri ta' interessi Komunitarji ġenerali fuq kwistjonijiet ta' rilevanza Komunitarja fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u bit-tfassil ta' standards, adottar ta' standards jew superviżjoni tal-proċessi tal-istipular tal-istandards fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika. Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà minħabba li skont l-Artikolu 5 KE, l-għanijiet tagħha ma jistgħux jintlaħqu b'żewġ mill-Istati Membri u jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar f'livell Komunitarju.

### **2.3. Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat fl-Artikolu 5 KE. Kif ivvalutat fl-evalwazzjoni *ex ante*, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha. Il-finanzjament mill-Komunità qed jiġi propost għal għadd definit sew u limitat tal-korpi l-aktar importanti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Fl-ambitu tal-qafas istituzzjonali attwali, l-arranġamenti l-ġodda ta' finanzjament ser jiżguraw finanzjament stabbli, diversifikat u adegwat sabiex ikun possibbli li l-korpi rilevanti jwettqu l-missjoni tagħhom b'rabta Komunitarja jew ta' interess pubbliku Komunitarju b'mod indipendenti u effiċjenti. L-appoġġ finanzjarju ser jingħata skont il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1605/2002<sup>24</sup> tal-25 ta' Ġunju 2002, dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2342/2002<sup>25</sup> tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

---

<sup>24</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>25</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

### **3. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

L-ammont totali li ser jinħareġ mill-baġit tal-Komunità hu ta' EUR 36.2 miljun għall-perjodu 2010-2013. Il-Programm huwa wieħed ta' erba' snin f'konformità mat-tul tal-perspettivi finanzjarji 2007 – 2013.

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' [...]**

**li tistabbilixxi programm Komunitarju għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni<sup>26</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>27</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>28</sup>,

Billi:

- (1) Is-servizzi finanzjarji huma element ewlieni tas-suq intern, kruċjali għall-funzjonament tajjeb tal-ekonomija Ewropea u għall-kompetittività globali. Settur finanzjarju f'saħħtu u dinamiku jeħtieġ qafas solidu għal regolamentazzjoni u superviżjoni, li huwa kapaċi jlaħħaq mal-integrazzjoni dejjem akbar tas-swieq finanzjarji fil-Komunità.
- (2) F'ekonomija globali, hemm il-ħtieġa biex ssir konverġenza tal-istandards bejn ġurisdizzjonijiet jew jiġu żviluppati standards internazzjonali. Huwa għalhekk importanti li l-Komunità jkollha rwol fil-proċess tal-istipular tal-istandards internazzjonali għas-swieq finanzjarji. Biex jiġi żgurat li l-interessi tal-Komunità jiġu rrispettati u li l-istandards globali jkunu ta' kwalità għolja u kompatibbli mal-leġislazzjoni Komunitarja, huwa essenzjali li l-interessi tal-Komunità jkunu rrappreżentati adegwament fil-proċessi tal-istipular tal-istandards internazzjonali.
- (3) Il-kriżi finanzjarji wasslet sabiex il-kwistjoni tas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji, notevolment abbażi transkonfinali, u tar-rappurtar finanzjarju titla' fuq quddiem nett tal-aġenda politika tal-Komunità. Din is-sitwazzjoni tista' twassal għal proposti ġodda għal miżuri ta' approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati b'liġi,

---

<sup>26</sup> ĠU C , , p . .

<sup>27</sup> ĠU C , , p . .

<sup>28</sup> ĠU C , , p . .

regolament jew azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri li għandhom bħala għan tagħhom l-istabbiliment u l-funzjonament imtejjeb tas-suq intern.

- (4) Għalhekk huwa xieraq li jinħoloq programm Komunitarju biex isir possibbli l-kofinanzjament tal-attivitajiet tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG), il-Fondazzjoni Internazzjonali tal-Kumitat tal-Istandards tal-Kontabbiltà (IASCF) u l-Bord tal-Iskrutinju tal-Interess Pubbliku (PIOB), li jsegwu, skont l-Artikolu 162 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2342/2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>29</sup>, miri ta' interess ġenerali Ewropew bit-tfassil ta' standards, adoazzjoni ta' standards jew superviżjoni ta' proċessi tal-istipular ta' standards fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika.
- (5) Huwa wkoll xieraq li jiġu pprovduti għotjiet ta' azzjoni lit-tliet strutturi ġuridiċi ta' appoġġ li l-mira esklussiva tagħhom hija li jitforna appoġġ amministrattiv lill-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/527/KE<sup>30</sup>, il-Kumitat tas-Sorveljaturi tal-Banek Ewropej [il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej] stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/5/KE<sup>31</sup> u l-Kumitat tas-Sorveljaturi tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej [il-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol] stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/6/KE<sup>32</sup>, għat-twettiq ta' proġetti b'rabta, fost l-oħrajn, mat-taħriġ tal-persunal ta' awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-immaniġġjar ta' proġetti tat-teknoloġija informatika.
- (6) Korpi li jaħdmu fil-qasam tas-superviżjoni, kontabbiltà u verifika huma dipendenti ħafna fuq il-finanzjament u minkejja r-rwoli importanti tagħhom fil-Komunità, l-ebda mill-benefiċjarji proposti mill-programm Komunitarju ma jibbenifika minn xi appoġġ finanzjarju mill-baġit Komunitarju, li jista' jaffettwa l-kapaċità tagħhom biex jikkonformaw mal-missjonijiet rispettivi tagħhom li huma kruċjali għall-funzjonament tas-Suq Intern.
- (7) Kofinanzjament Komunitarju jiżgura li dawn il-korpi jibbenefikaw minn finanzjament ċar, stabbli, diversifikat, razzjonali u adegwat u li jippermettilhom jirrealizzaw il-missjoni tagħhom ta' interess pubbliku b'mod indipendenti u effiċjenti.
- (8) Barra mit-tibdil fil-modi tal-finanzjament tagħhom, l-IASCF u l-EFRAG għaddejin minn riformi ta' governanza biex jiġi żgurat li l-istrutturi u l-proċessi tagħhom jiggarantixxu l-kapaċità tagħhom li jwettqu l-missjoni tagħhom ta' interess pubbliku b'mod indipendenti u effiċjenti. Dawn ir-riformi għandhom jidhllu fis-seħħ sa meta jibda l-kofinanzjament Komunitarju.
- (9) Il-kriżi fis-swieq finanzjarji jista' jkun li twassal għat-twaqqif ta' korpi ġodda fil-livell Komunitarju jew internazzjoanli f'wieħed jew aktar minn dawn l-oqsma b'mandat li jkopri għanijiet Komunitarji simili bħall-benefiċjarji tal-programm Komunitarju propost.

---

<sup>29</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

<sup>30</sup> ĠU L 191, 13.7.2001, p 43-44.

<sup>31</sup> ĠU L 3, 7.1.2004, p. 28-29.

<sup>32</sup> ĠU L 3, 7.1.2004, p. 30-31.

- (10) Għandu jkun possibbli li fil-Programm jiġu inklużi korpi ġodda, sakemm dawn jissodisfaw il-kriterji stretti ta' eliġibbiltà ta' din id-Deċiżjoni.
- (11) Ladabra l-għażla ta' benefiċjarji ġdid hija miżura ta' ambitu ġenerali skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni<sup>33</sup>, dik l-għażla għandha ssir billi tintuża l-proċedura regolatorja prevista fl-Artikolu 5 ta' dik id-Deċiżjoni.
- (12) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>34</sup> (ir-Regolament Finanzjarju) u r-Regolament (KE, EURATOM) Nru 2342/2002<sup>35</sup>, li jħares l-interessi finanzjarji tal-Komunità, għandhom ikunu applikati bil-kunsiderazzjoni tal-prinċipji tas-sempliċità u l-konsistenza fl-għażla tal-istrumenti baġitarji, limitazzjoni fuq l-għadd ta' każijiet fejn il-Kummissjoni għandha responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni u l-immaniġġjar tagħhom, u l-proporzjonalità meħtieġa bejn l-ammont ta' riżorsi u l-piż amministrattiv marbut mal-użu tagħhom.
- (13) Il-proposta tipprevedi l-possibbiltà ta' kofinanzjament tal-attivitajiet ta' ċerti korpi li jsegwu miri ta' interessi Komunitarji ġenerali fuq kwistjonijiet ta' rilevanza Komunitarja fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u bit-tfassil ta' standards, adottar ta' standards jew superviżjoni tal-proċessi tal-istipular tal-istandards fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika. Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà minħabba li, skont l-Artikolu 5 KE, l-għanijiet tagħha ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju.
- (14) Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Kif valutat fl-evalwazzjoni *ex ante*, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha. Il-finanzjament mill-Komunità qed jiġi propost għal għadd definit sew u limitat tal-korpi l-aktar importanti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Fl-ambitu tal-qafas istituzzjonali attwali, l-arranġamenti l-ġodda ta' finanzjament ser jiżguraw finanzjament stabbli, diversifikat u adegwat sabiex ikun possibbli li l-korpi rilevanti jwettqu l-missjoni tagħhom b'rabta Komunitarja jew ta' interess pubbliku Komunitarju b'mod indipendenti u effiċjenti. L-appoġġ finanzjarju ser jingħata skont il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1605/2002<sup>36</sup> tal-25 ta' Ġunju 2002, dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2342/2002<sup>37</sup> tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

---

<sup>33</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

<sup>34</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>35</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

<sup>36</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>37</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

*Artikolu 1*

**L-istabbiliment tal-Programm**

Bil-preżenti qed jiġi stabbilit programm Komunitarju, hawn taħt imsejjaħ "il-Programm", għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-31 ta' Diċembru 2013 biex jappoġġa l-attivitajiet tal-korpi li jikkontribwixxu għall-ilħiq tal-għanijiet ta' politika tal-Komunità fir-rigward tal-konverġenza superviżorja u l-kooperazzjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u b'rabta mar-rappurtar finanzjarju u l-verifika.

*Artikolu 2*

**Għanijiet**

1. L-għan ġenerali tal-Programm huwa li jiġu appoġġati l-attivitajiet jew l-azzjonijiet ta' ċerti korpi fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji, ir-rappurtar finanzjarju u l-verifika.
2. L-attivitajiet li ġejjin huma koperti bil-Programm.
  - (a) attivitajiet ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' politiki Komunitarji mmirati lejn il-konverġenza superviżorja, partikolarment permezz ta' taħriġ tal-persunal u l-immaniġġjar ta' proġetti tat-teknoloġija informatika fil-qasam tas-servizzi finanzjarji;
  - (b) attivitajiet li jiżviluppaw jew li jagħtu kontribut għall-iżvilupp ta' standards, l-applikazzjoni, il-valutazzjoni jew il-monitoraġġ tal-istandards jew is-superviżjoni tal-proċess tal-istipular tal-istandards b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politiki Komunitarji fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika.

*Artikolu 3*

**Aċċess għall-Programm**

Biex ikun eliġibbli għall-finanzjament Komunitarju skont il-Programm, korp għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) irid ikun persuna ġuridika li ma tagħmilx profitti, b'għan immirat lejn il-promozzjoni tal-interess pubbliku u li tfittex miri ta' interess Ewropew ġenerali kif previst fl-Artikolu 162 tar-Regolament (KE, EURATOM) Nru 2342/2002;
- (b) ma għandux ikun, fil-waqt tal-għoti tal-għotja, f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 93(1) u l-Artikolu 94 u l-punt (a) tal-Artikolu 96(2) tar-Regolament Finanzjarju.

#### *Artikolu 4*

### **Il-benefiċjarji tal-Programm**

Il-benefiċjarji msemmija fl-Anness għandhom jibbenefikaw mill-Programm.

#### *Artikolu 5*

### **Għoti ta' għotjiet**

1. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi finanzjament skont il-Programm fil-forma ta' għotjiet u meta biss jiġi ppreżentat programm ta' ħidma xieraq u stima ta' baġit kumplessiv.
2. Il-finanzjament Komunitarju lill-benefiċjarji stipulat fit-Taqsima A tal-Anness għandu jingħata biss fil-forma ta' għotjiet operatorji, li għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw il-kosti operatorji u l-ispejjeż inkluż it-treġġija tas-segretarjati u r-remunerazzjoni tal-impjegati tagħhom. Fil-każ ta' tiġdid, l-għotjiet operatorji ma għandhomx jitnaqqsu awtomatikament.
3. Il-finanzjament Komunitarju lill-benefiċjarji stipulati fit-Taqsima B tal-Anness, għandu jingħata biss fil-forma ta' għotjiet ta' azzjoni. Għotjiet ta' azzjoni għandhom jingħataw biss għall-attivitajiet stipulati fl-Artikolu 6 u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) ma għandhomx ikopru attivitajiet inklużi fil-mandati tal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli, il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej u l-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol;
  - (b) il-funzjoni ta' appoġġ amministrattiv tal-benefiċjarji stipulati fit-Taqsima B tal-Anness għandha tiġi stipulata ċarament fl-istatuti rispettivi tagħhom. Il-funzjoni ta' appoġġ amministrattiv għandha tkun l-għan uniku tal-benefiċjarji msemmija fit-Taqsima B tal-Anness u għandha tinkludi t-tweġġiq tal-attivitajiet stipulati fl-Artikolu 6 għall-benefiċċju tal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli, il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej u l-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol.
4. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-ammonti u l-perċentwal massimu ta' finanzjament. Tali deċizzjoni tal-Kummissjoni għandha tiġi ppubblikata.

#### *Artikolu 6*

### **Attivitajiet eliġibbli tal-benefiċjarji għal għotjiet ta' azzjoni**

Mingħajr ħsara għall-Artikoli 3 u 5, l-attivitajiet li ġejjin għandhom jitqiesu eliġibbli għal għotjiet ta' azzjoni:

- (a) ospitar ta' konferenzi, seminars, sessjonijiet ta' taħriġ u laqgħat tal-esperti;



- (b) tħejjija u ħruġ ta' pubblikazzjonijiet, tħejjija u eżekuzzjoni ta' attivitajiet oħra ta' informazzjoni;
- (c) twettiq ta' riċerka, tħejjija ta' studji;
- (d) attivitajiet ta' appoġġ oħra rilevanti għal-leġiżlazzjoni jew il-politiki Komunitarji fil-qasam tal-kontabbiltà u l-verifika;
- (e) proġetti tat-teknoloġija informatika rigward, fost l-oħrajn, l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-superviżuri nazzjonali;
- (f) programmi ta' taħriġ u skemi ta' sekondament tal-persunal għal persunal minn superviżuri nazzjonali.

### *Artikolu 7*

#### **Għażla ta' benefiċjarji ġodda**

1. Il-Kummissjoni tista', skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2) tagħżel benefiċjarji ġodda għall-Programm u temenda l-Anness kif xieraq.
2. Biex jikkwalifika bħala benefiċjarju ġdid, korp għandu jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 3, u barra minn hekk, waħda mill-kriterji li ġejjin:
  - (a) ikun suċċessur dirett ta' wieħed mill-benefiċjarji identifikati fl-Anness;
  - (b) iwettaq attivitajiet ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' politiki Komunitarji mmirati lejn il-konverġenza u l-kooperazzjoni superviżorja fil-qasam tas-servizzi finanzjarji;
  - (c) ikun direttament involut fil-proċess tal-iżvilupp jew jikkontribbwixxi għall-iżvilupp ta' standards, l-applikazzjoni, il-valutazzjoni jew il-monitoraġġ tal-istandards jew is-superviżjoni tal-proċess tal-istipular tal-istandards b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politiki Komunitarji fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika.
3. Fejn korp jintagħżel mill-Kummissjoni bħala benefiċjarju ġdid:
  - (a) jissodisfa l-kriterji għall-attivitajiet eliġibbli stipulati fl-Artikolu 6 u l-kriterju stipulat fil-punt (a) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jista' jingħata l-għotja tal-predeċessur identifikat fl-Anness; jew
  - (b) jissodisfa l-kriterji għall-attivitajiet eliġibbli stipulati fl-Artikolu 6 u l-kriterji stipulati fil-punt (b) jew (c) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jista' jingħata għotja ta' azzjoni; F'dak il-każ, l-ammont massimu ta' finanzjament disponibbli skont l-għotja ta' azzjoni ma għandux jaqbeż fuq bażi annwali l-krediti mhux użati fil-kuntest tal-għotjiet maħruġa għal azzjonijiet speċifiċi jew għotjiet operatorji skont l-Artikolu 9.

## *Artikolu 8*

### **It-trasparenza**

Kull benefiċjarju ta' finanzjament mogħti skont il-Programm għandu jindika f'post prominenti, bħal xi websajt jew rapport annwali, li jkun irċieva fond mill-baġit tal-Unjoni Ewropea.

## *Artikolu 9*

### **Dispożizzjonijiet finanzjarji**

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni matul il-perjodu 2010-2013 huwa EUR 36.2 miljun.
2. L-appropriazzjonijiet allokatu skont din id-Deċiżjoni għandhom ikunu stabbiliti kull sena mill-awtorità baġitarja fil-parametri tal-qafas finanzjarju.

## *Artikolu 10*

### **Implimentazzjoni**

Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċeduri stipulati fir-Regolament Finanzjarju u r-Regolament (KE, EURATOM) Nru 2342/2002<sup>38</sup>.

## *Artikolu 11*

### **Monitoraġġ**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, għal kwalunkwe azzjoni ffinanzjata mill-Programm, il-benefiċjarju jippreżenta rapporti annwali tekniċi u finanzjarji dwar il-progress tal-ħidma u li rapport finali jkun ippreżentat wara li tintemm l-azzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-forma u l-kontenut tar-rapporti.
2. Mingħajr ħsara għall-verifiki mwettqa mill-Qorti tal-Awdituri f'koordinament mal-korpi jew dipartimenti nazzjonali kompetenti tal-verifika skont l-Artikolu 248 tat-Trattat, jew għal kwalunkwe spezzjoni mwettqa skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 279(1) tat-Trattat, uffiċjali u persunal ieħor tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu verifiki fuq il-post, inklużi verifiki ta' kampjuni, fuq azzjonijiet iffinanzjati skont il-Programm u skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2185/96<sup>39</sup>. Fejn ikun meħtieġ, għandha titwettaq investigazzjoni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u dawn għandhom jiġu rregolati mir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>40</sup>.

---

<sup>38</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

<sup>39</sup> ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

<sup>40</sup> ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kuntratti u l-ftehimiet li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Programm jipprovdu partikolarment għas-superviżjoni u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni (jew minn kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha), jekk meħtieġ fuq il-post, u għall-verifiki mill-Qorti tal-Awdituri.
4. Il-persunal tal-Kummissjoni u persunal barrani li jkunu awtorizzati mill-Kummissjoni għandu jkollhom id-dritt xieraq tal-aċċess, l-aktar għall-uffiċċji tal-benefiċjarju u għat-tagħrif kollu, inkluż dak li jkun f'format elettroniku, liema tagħrif ikun meħtieġ biex titwettaq tali verifika.
5. Il-Qorti tal-Awdituri kif ukoll l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandu jkollhom l-istess drittijiet, l-aktar id-dritt tal-aċċess, bħall-Kummissjoni.
6. Il-benefiċjarju ta' għotja operatorja jew ta' azzjoni għandu jkollu disponibbli għall-Kummissjoni d-dokumenti sostantivi kollha, inkluż ir-rapport finanzjarju vverifikat, dwar in-nefqa li tkun saret matul is-sena tal-għotja, għal perjodu ta' ħames snin minn wara l-aħħar ħlas. Il-benefiċjarju ta' għotja għandu jiżgura li, fejn applikabbli, dokumenti sostantivi fil-pussess tas-sħab jew msieħba jkunu disponibbli għall-Kummissjoni.
7. Abbażi tar-riżultati tar-rapporti u l-kontrolli kampjunarji msemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha tiżgura li, fejn meħtieġ, l-iskala jew il-kundizzjonijiet tal-allokkazzjoni tal-appoġġ finanzjarju oriġinarjament approvata, kif ukoll l-iskeda taż-żmien għall-ħlasijiet, jiġu aġġustati.
8. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jittieħed kull pass ulterjuri meħtieġ sabiex jiġi vverifikat li l-azzjonijiet iffinanzjati jitwettqu kif xieraq u konformement ma' din id-Deċiżjoni u tar-Regolament Finanzjarju.

## *Artikolu 12*

### **Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet iffinanzjati skont il-Programme, jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u l-irkupru ta' ammonti mħallsa mhux kif xieraq, kif ukoll, fil-każ li jinstabu irregolaritajiet, permezz ta' penali effikaċi, proporzjonati u disważivi, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95<sup>41</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2185/96<sup>42</sup> u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999<sup>43</sup>.
2. Għall-attivitajiet Komunitarji ffinanzjati skont dan il-Programm, il-kunċett tal-irregolarità msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, EURATOM) Nru 2988/95<sup>44</sup> għandu jfisser kull ksur ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju li

<sup>41</sup> ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

<sup>42</sup> ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

<sup>43</sup> ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

<sup>44</sup> ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

jirriżulta minn att jew ommissjoni ta' operatur ekonomiku, li jkollu, jew li jista' jkun li jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet jew il-baġits immaniġġjati minnhom, jew billi jnaqqas jew jitlef id-dħul li jakkumula minn riżorsi proprji miġbura direttament għan-nom tal-Komunitajiet, jew permezz ta' nefqa mhux ġustifikata.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, jekk issib irregolaritajiet, l-ammont ta' appoġġ finanzjarju għal azzjoni jitnaqqas, jiġi sospiż jew irkuprat, inkluż nuqqas ta' konformità ma' din id-Deċiżjoni jew mad-deċiżjoni individwali jew mal-kuntratt jew ftehim li jagħtu l-appoġġ finanzjarju inkwistjoni, jew jekk jirriżulta li, mingħajr ma tkun intalbet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni tkun ġiet soġġetta għal bidla li tikkunfliggi man-natura jew il-kundizzjonijiet implimentattivi tal-proġett.
4. Jekk il-limiti ta' żmien ma jkunux ġew osservati jew jekk parti biss mill-appoġġ finanzjarju allokat tkun iġġustifikata mill-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' azzjoni, il-benefiċjarju għandu jippreżenta osservazzjonijiet lill-Kummissjoni fi żmien speċifikat. Jekk il-benefiċjarju ma jagħtix tweġiba sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tikkanċella l-appoġġ finanzjarju li jkun fadal u tista' titlob il-ħlas lura tal-ammonti li diġà jkunu tħallsu.
5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe ħlas mhux dovut jitħallas lura lill-Kummissjoni. L-imgħax għandu jingħadd ma' kwalunkwe ammonti mhux imħallsa lura f'waqthom bil-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju.

### *Artikolu 13*

#### **Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat regolatorju.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, il-proċedura regolatorja stipulata fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE hija applikabbli, b'konformità mal-Artikoli 7 u 8 tagħha.

Il-perjodu previst fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' 3 xhur.

### *Artikolu 14*

#### **Evalwazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014, tippreżenta rapport abbażi, fost l-oħrajn, tar-rapporti annwali msemmija fl-Artikolu 11(1), lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-ilħiq tal-għanijiet tal-Programm.

Dak ir-rapport għandu jeżamina tal-anqas il-pertinenza u koerenza kumplessivi tal-Programm, l-effikaċja tal-eżekuzzjoni tiegħu u l-effikaċja kumplessiva u individwali tal-azzjonijiet varji f'termini tal-kisbiet tal-għanijiet kif stipulati fl-Artikolu 2.

Dan ir-rapport għandu jintbagħat wkoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għal fini ta' informazzjoni.

2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, skont it-Trattat, jiddeċiedu dwar il-kontinwazzjoni tal-Programm mill-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 15*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni se tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## ANNEX

Il-benefiċjarji msemmija fid-Deċiżjoni huma li ġejjin.

### Taqsim A

Il-benefiċjarji fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju:

- il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG);
- il-Fondazzjoni Internazzjonali tal-Kumitat tal-Istandards tal-Kontabbiltà (IASCF).

Il-benefiċjarji fil-qasam tal-verifika:

- il-Bord tal-Iskrutinju tal-Interess Pubbliku (PIOB).

### Taqsim B

Il-korpi li ġejjin, li l-mira tagħhom hija li jipprovdu appoġġ amministrattiv lill-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli, il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej u l-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol:

- Fil-każ tal-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej (CEBS), is-CEBS Secretariat Limited, kumpanija fir-Renju Unit b'responsabbiltà limitata mingħajr kapital azzjonarju bl-uffiċċju reġistrat tagħha f'Londra u li hija rreġistrata bin-numru 5161108 mal-Companies House;
- Fil-każ tal-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli (CESR) organizzazzjoni li ma tagħmilx profitti Franċiża ("*Association Loi 1901*"), bl-uffiċċju reġistrat tagħha f'Pariġi u li hija rreġistrata bin-numru 441545308 mal-"*prefecture de Police*".
- Fil-każ tal-Kumitat tas-Superviżuri Ewropej tal-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (CEIOPS) organizzazzjoni li ma tagħmilx profitti Ġermaniża ("*eingetragener Verein (e.V.)*"), bl-uffiċċju reġistrat tagħha fi Frankfurt u li hija rreġistrata bin-numru VR 12777 mal-"*Amstgericht Frankfurt am Main*".

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. ISEM IL-PROPOSTA:

Programm Komunitarju għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika

### 2. QAFAS ABM/ABB

Il-Qasam/L-Oqsma ta' Politika konċernat/i u l-Attività(jiet) assoċjata/i:

Qasam ta' Politika: 12 Suq Intern u Servizzi

Attività: Ambjent Korporattiv, kontabbiltà u verifika

Attività: Swieq Finanzjarji

### 3. IL-LINJI TAL-BAĠIT

#### 3.1. Il-linji tal-baġit (linji operattivi u linji għall-għajnuna teknika u amministrattiva relatati (li qabel kienu l-linji B..A)) inkluż l-intestaturi:

Intestatura 1A: kompetittività għat- tkabbir u l-impjegi

12.0401 - linja baġitarja operattiva ġdida li ser tintalab

#### 3.2. Tul ta' żmien tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju:

It-tul tal-azzjoni: 4 snin (2010-2013)

Tul indikattiv tal-impatt finanzjarju inkluż il-ħlasijiet: 5 snin (2010-2014)

#### 3.3. Karatteristiċi baġitarji:

Linja tal-Baġit	Tip tan-nefqa		Ġdida	Kontribuzzjon i EFTA	Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	Intestatura fil-perspettiva finanzjarja
12.0401	Mhux oblig.	Diff <sup>45</sup>	IVA	LE	LE	Nru 1A

<sup>45</sup> Approporzjonijiet differenzjali

#### 4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

##### 4.1. Riżorsi Finanzjarji

##### 4.1.1. Sommarju tal-appropriazzjonijiet għall-impenji (AI) u appropriazzjonijiet għall-ħlas (AH)

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Tip tan-nefqa	Taqsim a nru.		Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014	Totali
<b>Nefqa operattiva<sup>46</sup></b>								
Appropriazzjonijiet għall-Impenji (AI)	8.1.	a	5.300	10.300	10.300	10.300		36.200
Appropriazzjonijiet għall-ħlas (AH)		b	2.650	7.800	10.300	10.300	5.150	36.200
<b>Nefqa amministrattiva fi ħdan l-ammont ta' referenza<sup>47</sup></b>								
Assistenza teknika u amministrattiva (NDA)	8.2.4.	C						
<b>AMMONT TOTALI TA' REFERENZA</b>								
<b>Appropriazzjonijiet għall-Impenji</b>		a+c	<b>5.300</b>	<b>10.300</b>	<b>10.300</b>	<b>10.300</b>		<b>36.200</b>
<b>Appropriazzjonijiet għall-ħlas</b>		b+c	<b>2.650</b>	<b>7.800</b>	<b>10.300</b>	<b>10.300</b>	<b>5.150</b>	<b>36.200</b>
<b>Nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza<sup>48</sup></b>								
Riżorsi umani u nefqa assoċjata (NDA)	8.2.5.	D	1.406	1.406	1.406	1.406	1.406	7.030
Spejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u spejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6.	E	0.020	0.020	0.020	0.020	0.020	0.100
<b>TOTAL tal-AI inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani</b>		a+c+d+e	<b>6.726</b>	<b>11.726</b>	<b>11.726</b>	<b>11.726</b>	<b>1.426</b>	<b>43.330</b>
<b>TOTAL AH, inkluż l-ispiża tar-Riżorsi Umani</b>		a+c+d+e	<b>4.076</b>	<b>9.226</b>	<b>11.726</b>	<b>11.726</b>	<b>6.576</b>	<b>43.330</b>

<sup>46</sup> Nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu xx01 tat-Titolu xx konċernat.

<sup>47</sup> Nefqa fi ħdan l-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

<sup>48</sup> Nefqa fi ħdan il-Kapitolu xx 01 minbarra fl-artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.



## Dettalji ta' kofinanzjament

Il-proposta tinvolvi kofinanzjament mill-benefiċjarji bl-użu tal-fondi proprji tagħhom jew fondi rċevuti minn partijiet terzi (pereżempju, organizzazzjonijiet membri, il-partijiet interessati)<sup>49</sup>.

Stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament hija indikata fit-tabella hawn taħt.

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Korp li jikkofinanzja		Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014	Totali
Il-IASCF bil-fondi proprji tiegħu u bil-fondi rċevuti minn partijiet terzi (76% kofinanzjament medju mill-benefiċjarji)	f	---	16.000	16.000	16.000	0	48.000
Il-EFRAG bil-fondi proprji tiegħu u bil-fondi rċevuti minn partijiet terzi (50% kofinanzjament medju mill-benefiċjarji)	f	3.000	3.000	3.000	3.000	0	12.000
Il-PIOB bil-fondi proprji tiegħu u bil-fondi rċevuti minn partijiet terzi (70% kofinanzjament medju mill-benefiċjarji)	f	0.700	0.700	0.700	0.700	0	2.800
Is-CESR, is-CEBS u s-CEOIPS (3LC) bil-fondi proprji tagħhom u bil-fondi rċevuti minn partijiet terzi (52% kofinanzjament medju mill-benefiċjarji)	f	2.153	2.153	2.153	2.153	0	8.612
<b>TOTAL tal-AI inkluż kofinanzjament</b>	<b>a+c+d+e+f</b>	<b>12.579</b>	<b>33.579</b>	<b>33.579</b>	<b>33.579</b>	<b>1.426</b>	<b>114.742</b>

### 4.1.2. Kompatibbiltà mal-Ipprogrammar Finanzjarju

X Il-proposta se ġgħib magħha r-iprogrammar tal-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

### 4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-Dħul

X Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul

<sup>49</sup>

Attwalment, il-korpi huma ffinanzjati kif ġej: L-IASCF hija ffinanzjata prinċipalment permezz ta' kontribuzzjonijiet volontarji minn partijiet interessati mis-settur privat; L-EFRAG huwa ffinanzjat minn għadd ta' assoċjazzjonijiet Ewropej (bħal BUSINESSEUROPE, Fédération des Experts Comptables Européens, Comité Européen des Assurances, European Banking Federation, eċċ.) u minn Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Finanzjament privati jew pubbliċi stabbiliti f'ċerti Stati Membri; Il-PIOB huwa prinċipalment iffinanzjar mill-IFAC li tirrappreżenta l-professjoni tal-kontabbiltà; il-Kumitati tas-Superviżuri (CESR, CEBS u CEIOPS) huma ffinanzjati mill-membri tagħhom, magħmula minn superviżuri nazzjonali kompetenti fil-qasam tat-titoli, l-ibbankjar u l-assigurazzjoni f'kull Stat Membru. Għal ħarsa aktar dettalljata tal-organizzazzjonijiet membri u partijiet interessati, jekk jogħġbok ara il-punt 1.1 tal-evalwazzjoni *ex ante*.

**4.2. Riżorsi Umani FTE (inklużi uffiċjali u persunal temporanju u estern) - ara d-dettall taħt il-punt 8.2.1.**

<b>Ħtiġijiet annwali:</b>	Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014
Numru totali tar-riżorsi umani	12	12	12	12	12

**5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET**

**5.1. Ħtieġa li għandha tiġi sodisfatta f'terminu ta' żmien qasir jew twil**

**Għan operattiv 1:** żgurar ta' finanzjament stabbli, diversifikat, razzjonali u adegwat li jippermetti l-korpi rilevanti jwettqu l-missjoni tagħhom ta' interess pubbliku b'mod indipendenti u effiċjenti fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika (il-Fondazzjoni Internazzjonali tal-Kumitat tal-Istandards tal-Kontabbiltà (IASCF), il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG), u l-Bord tal-Iskrutinju tal-Interess Pubbliku (PIOB)) f'perjodu raġonevoli ta' żmien meta titqies l-urġenza tal-kuntest tal-UE u internazzjonali. **Għan operattiv 2:** żgurar li l-Kumitati tas-Superviżuri (3LC) jkunu mgħammra adegwament b'mezzi finanzjarji f'perjodu raġonevoli ta' żmien, meta titqies l-urġenza tal-kuntest tal-UE u internazzjonali.

**5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Komunità u koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħrajn u sinerġija possibbli**

- L-involviment tal-Komunità ser isaħħaħ il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea notevolment fil-kuntest tad-diskussjonijiet attwali dwar il-governanza ta' dawn il-korpi tal-UE u internazzjonali (l-IASCF, l-EFRAG u l-PIOB);

- Il-finanzjament Komunitarju ser jixhed ir-rieda tal-UE, fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja attwali, li taġġorna l-kwistjonijiet tas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji u l-standards tal-kontabbiltà (l-IASCF, l-EFRAG u l-Kumitati tas-Superviżuri);

- Il-finanzjament Komunitarju speċifiku ser jindika interess Komunitarju lill-partijiet konċernati, u ser iħeġġeġ korpi pubbliċi u istituzzjonijiet oħra fl-UE biex jipprovdu aktar fondi u attenzjoni għal dawn l-organizzazzjonijiet;

- Barra minn hekk, l-intervent Komunitarju ser itejjeb ir-rikonoxximent ġenerali tal-organizzazzjonijiet benefiċjarji (partikolarment l-EFRAG u l-PIOB), filwaqt li jipprovdi finanzjament għal korpi soġġetti għall-finanzjament insuffiċjenti (speċjalment il-Kumitati tas-Superviżuri u l-EFRAG);

- Il-finanzjament Komunitarju propost ser ikun element kruċjali għall-azzjonijiet fit-terminu qasir taż-żmien lejn it-tlestija tas-suq uniku għas-swieq finanzjarji;

**5.3. Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas tal-ABM**

- Għan: evitar tad-dipendenza tal-IASCF, l-EFRAG u l-PIOB fuq finanzjament privat volontarju mill-partijiet interessati, b'hekk tiġi ggarantita l-indipendenza ta'

ħidmiethom. Riżultat mistenni: jintemm it-tħassib kontinwu dwar il-kunflitt possibbli ta' interessi u l-indipendenza b'rabta mal-attività relatata mal-istandards (l-istipular tal-istandards b'rabta mal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (l-IFRS) għall-IASCF, l-analiżi tal-IFRS fil-kuntest tal-proċess ta' adottar għall-EFRAG u s-superviżjoni tal-proċess tal-istipular tal-Istandards Internazzjonali tal-Verifika (l-ISA) għall-PIOB meta jitqies li dawn l-istandards huma parti jew parti potenzjali tal-*acquis communautaire*).

- Għan: promozzjoni tal-aċċettazzjoni globali tal-IFRS u l-IAS, flimkien ma' awtoritajiet oħra pubbliċi fl-Istati Uniti u pajjiżi/reġjuni oħra. Riżultat mistenni: rikonoxximent internazzjonali koordinat tal-istandards IFRS u IAS, li huwa għan fit-tal-UE.

- Għan: żgurar ta' qsim aktar ekwu tal-piż fi ħdan l-UE għall-finanzjament tal-IASCF u l-EFRAG, minħabba li xi wħud biss mill-partijiet interessati fl-UE jgħorru l-ispejjeż tal-finanzjament ta' dawn l-istituzzjonijiet, filwaqt li Stat Membri jew partijiet interessati oħra ma jgħorrox. Riżultat mistenni: il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja ser twassal għal ambjent ekwu ta' parteċipazzjonijiet nazzjonali tal-UE fil-korpi kruċjali internazzjonali u tal-UE stipulaturi tal-istandards (l-IASCF u l-EFRAG).

- Għan: żgurar li l-Kumitati tas-Superviżuri u l-EFRAG ikunu mgħamra biżżejjed f'termini ta' riżorsi tekniċi u finanzjarji. Riżultat mistenni: il-kontribuzzjoni Komunitarja ser tiggarrantixxi l-operazzjonijiet eżistenti ta' dawn il-korpi, u ser tikkofinanzja sett ta' kwalità ta' azzjonijiet ġodda li huma essenzjali għall-politika kumplessiva finanzjarja tal-UE. Tinkiseb ukoll trasparenza akbar fil-governanza ta' dawn l-istituzzjonijiet.

- Għan: ksib tal-għanijiet preċedenti fl-anqas żmien possibbli, fid-dawl tal-kriżi finanzjarja attwali. Riżultat mistenni: kofinanzjament Komunitarju jista' jkun disponibbli għall-benefiċjarji fl-iqsar żmien possibbli, jekk id-Deċiżjoni tiġi adottata mill-koleġiżlaturi fl-2009.

- Kejl / Indikaturi: l-effiċjenza u l-kwalità ser jitkejlu bl-analizzar tat-twertiq tal-azzjonijiet/ktibiet/dokumenti u l-impatt prattiċi tagħhom fl-ambitu tal-għanijiet tal-politiki tal-Unjoni Ewropea dwar is-swieq finanzjarji.

#### 5.4. Metodu tal-implimentazzjoni (indikattiv)

X *Immaniġġjar Ċentralizzat*

X direttament mill-Kummissjoni

## 6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

### 6.1. Sistema ta' monitoraġġ

Il-Kummissjoni ser timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-programmi u tevalwa l-impatt tal-finanzjament propost. Għal dan l-għan il-Kummissjoni:

- ser timmonitorja u tanalizza r-rapporti annwali ta' ppjanar u attività tal-benefiċjarji;

- ser tevalwa l-eżitu ta' kwalità tal-attivitajiet ġenerali / azzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Komunità. Mekkaniżmi preċiżi ta' reazzjonijiet ser jitvaraw biex jiġi żgurat li l-fondi Komunitarji jintużaw skont l-għanijiet inizjali u mal-prinċipji ta' mmaniġġjar razzjonali ta' fondi;
- ser titlob rapport annwali speċifiku li jingħata lill-Kummissjoni, skont l-għanijiet individwali ta' kull programm u konformi mal-linji gwida tar-Regolament Finanzjarju;
- fl-aħħar nett, bħala membru tal-gruppi ta' monitoraġġ/treġija mwaqqfa (jew li jridu jitwaqqfu) mill-benefiċjarji, il-Kummissjoni ser tiżgura li dawn joperaw effiċjentement u fl-interess pubbliku tal-UE;
- ser tiżgura djalogu kontinwu ma' fornituri ta' fondi u partijiet interessati ewlenin oħra.

## **6.2. Evalwazzjoni**

### *6.2.1. Evalwazzjoni ex ante*

Evalwazzjoni waħda dettaljata twettqet qabel il-formulazzjoni tal-abbozz tal-proposta. Hija magħmula minn rapport ġenerali ta' evalwazzjoni u erba' annessi dettaljati, kull wieħed minnhom iddedikat għall-benefiċjarji proposti mill-finanzjament Komunitarju (il-Kumitati tas-Superviżuri, l-IASCF, l-EFRAG u l-PIOB).

### *6.2.2. Miżuri li jittieħdu wara evalwazzjoni intermedja/ex post (lezzjonijiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi)*

Billi l-inizjattiva proposta hija totalment ġdida fid-DĠ MARKT, evalwazzjonijiet intermedji/ex post mhumiex applikabbli f'dan l-istadju.

### *6.2.3. Termini u frekwenza ta' evalwazzjoni futura*

Evalwazzjoni intermedja ser titwettaq wara sentejn ta' implimentazzjoni tal-programmi. Evalwazzjoni *ex post* tiġi organizzata fi tmiem l-azzjonijiet previsti.

## **7. MIŻURI KONTRA L-FRODI**

- Analiżi regolari tal-kontijiet, rapporti annwali u ċertifikati tal-verifika tal-benefiċjarji;
- Żjarat fil-bini tal-benefiċjarji meta jitqies neċessarju għall-verifika tas-sistemi u kontrolli baġitarji;
- Il-kontrolli regolari kollha għall-benefiċjarji tal-għotjiet kif previst fir-Regolament Finanzjarju.

## 8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

### 8.1. Għanijiet tal-proposta fid-dawl tal-ispiża finanzjarja taghom

Approprjazzjonijiet indikattivi għall-impenji f' miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

(Għandhom jiġu pprovduti Intestaturi tal-Għanijiet, azzjonijiet u riżultati)	Tip ta' riżultat	L-ispiża medja	Sena 2010		Sena 2011		Sena 2012		Sena 2013		TOTAL	
			Nru ta' riżultati (stima.)	Spiża totali	Nru ta' riżultati (stima.)	Spiża totali	Nru ta' riżultati (stima.)	Spiża totali	Nru ta' riżultati (stima.)	Spiża totali	Nru ta' riżultati (stima.)	Spiża totali
L-GĦAN OPERATTIV Nru 1												
<b>L-Azzjoni 1</b>												
<b>Għotja IASCF</b>												
- Riżultat: IASCF	Għotja operattiva mhux digressiva	---	---	0	---	5.000	---	5.000	---	5.000	---	15.000
<b>L-Azzjoni 2</b>												
<b>Għotja EFRAG</b>												
- Riżultat: EFRAG	Għotja operattiva mhux digressiva	---	---	3.000	---	3.000	---	3.000	---	3.000	---	12.000
<b>L-Azzjoni 3</b>												
<b>Għotja PIOB</b>												
- Riżultat: PIOB	Għotja operattiva mhux digressiva	---	---	0.300	---	0.300	---	0.300	---	0.300	---	1.200
Subtotal tal-Għan Nru. 1		---	---	3.300	---	8.300	---	8.300	---	8.300	---	28.200
L-GĦAN OPERATTIV Nru.2												

L-Azzjoni 1												
Għotjiet għall-Kumitati ta' Livell 3 <sup>50</sup>												
- Riżultat 1 CEBS, CEIOPS, CESR	Għotja ta' azzjoni b'appoġġ għall-attivitajiet ta' taħriġ u sekondement li jsejddu kultura superviżorja komuni	---	---	1.040	---	1.040	---	1.040	---	1.040	---	4.160
- Riżultat 2 CEBS, CEIOPS, CESR	Programmi tal-IT għall-konverġenza superviżorja	---	---	0.960	---	0.960	---	0.960	---	0.960	---	3.840
Subtotal tal-Għan Nru. 2				2.000		2.000		2.000		2.000		8.000
<b>Spiża totali</b>				5.300		10.300		10.300		10.300		36.200

<sup>50</sup>

Is-semmija għat-tliet Kumitati tas-Superviżuri hija għall-ħeffa tar-referenza biss. F'termini legali, il-Kumitati ma għandhomx personalità ġuridika fil-livell Ewropew. Madankollu, biex ikun possibbli li jiġu kkuntrattati partijiet terzi u tiġi ffaċilitata l-operazzjoni u l-amministrazzjoni tal-Kumitati, il-membri ta' kull Kumitat tas-Superviżuri waqqaf strutturi ta' appoġġ b'personalità ġuridika f'kull Stat Membru fejn jinsabu dawn il-kumitati, jiġifieri, fi Franza, ir-Renju Unit u l-Ġermanja. Fil-prattika, il-Komunità b'hekk ser tikkontribwixxi finanzjarjament lil dawn l-istrutturi ta' appoġġ, kif indikat fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni.

## 8.2. Nefqa Amministrattiva

Il-ħtiġijiet għar-riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti fl-allokkazzjoni mogħtija għad-DĠ maniġerjali fil-qafas tal-proċedura tal-allokkazzjoni annwali fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

### 8.2.1. Għadd u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' karigi		Persunal li għandu jiġi allokat għall-immaniġġjar tal-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali ( <b>għadd ta' karigi/FTEs</b> )				
		Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014
Uffiċjali jew persunal temporanju <sup>51</sup> (XX 01 01)	A*/AD	5	5	5	5	5
	B*, C*/AST	6	6	6	6	6
Persunal ifffinanzjat <sup>52</sup> tal-Art. XX 01 02 permezz		1	1	1	1	1
Persunal ieħor <sup>53</sup> ifffinanzjat permezz tal-Artikolu XX 01 04/05		---	---	---	---	---
<b>TOTAL</b>		12	12	12	12	12

### 8.2.2. Deskrizzjoni tal-kompiti li jirriżultaw mill-azzjoni

Immaniġġjar operattiv tal-għotjiet ta' azzjoni u operatorji.

Immaniġġjar finanzjarju, monitoraġġ u verifika tal-ftehimiet tal-għotjiet.

It-12-il impjegat kollha kemm huma ser ikunu parzjalment involuti fl-iżvilupp tal-azzjonijiet.

### 8.2.3. Sorsi ta' riżorsi umani (statutorji)

X Il-karigi li għandhom jimtlew mill-ġdid permezz tal-użu tar-riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz tal-immaniġġjar (it-tqassim intern mill-ġdid). **10**

X Karigi li għandhom jintalbu għall-proċedura APS/PDB li jmiss: **2**

Filwaqt li ser jintużaw 10 persunal internament, għandhom jintalbu uffiċjal wieħed AD u wieħed AST biex jiġi żgurat l-immaniġġjar korrett ta' dawn il-ftehimiet ġodda ta' għotja. Dawn iż-żewġ karigi ser ikunu essenzjali għall-monitoraġġ (kompiti finanzjarji, ta' verifika, tekniċi) u segwitu xierqa ta' allokkazzjonijiet ta' għotjiet indubbjament kbar, attività ġdida għall-DĠ MARKT.

<sup>51</sup> L-ispiża tagħha MHIX koperta mill-ammont ta' referenza.

<sup>52</sup> L-ispiża tagħha MHIX koperta mill-ammont ta' referenza.

<sup>53</sup> L-ispiża tagħha hija inkluża fl-ammont ta' referenza.

8.2.4. *Nefqa amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Nefqa fuq l-immaniġġjar amministrattiv)*

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Linja tal-Baġit (numru u intestatura)	Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014	TOTAL
<b>L-ghajjnuna teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati mal- persunal)</b>						
Aġenziji eżekuttivi <sup>54</sup>						
Għajjnuna teknika / amministrattiva oħra						
- <i>intra muros</i>						
- <i>extra muros</i>						
<b>Total ta' għajjnuna teknika u amministrattiva</b>						

*Mhux rilevanti*

8.2.5. *Spiża finanzjarja tar-riżorsi umani u spejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Tipi ta' riżorsi umani	Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014
L-uffiċjali u l-istaff temporanju (XX 01 01)	1.342	1.342	1.342	1.342	1.342
Persunal iffinanzjat permezz tal-Art. XX 01 02 (awżiljari, END, persunal b'kuntratt eċċ.)	0.064	0.064	0.064	0.064	0.064
<b>Spiża totali tar-Riżorsi Umani u spejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)</b>	<b>1.406</b>	<b>1.406</b>	<b>1.406</b>	<b>1.406</b>	<b>1.406</b>

**Kalkolu – Uffiċjali u aġenti temporanji**

9 uffiċjali fl-unitajiet operattivi

Uffiċjal 1 fl-unità finanzjarja

Uffiċjal 1 fl-IAC (il-Kapaċità Interna tal-Verifika tad-DĠ MARKT)

<sup>54</sup> Għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i konċernati.



Kalkolu - *Persunal ifffinanzjat fl-ambitu tal-Art. XX 01 02*

Aġent kuntrattwali 1 fl-unità finanzjarja

	Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet	0.020	0.020	0.020	0.020	0.020	0.100
XX 01 02 11 02 – Laqgħat & Konferenzi						
XX 01 02 11 03 – Kumitati <sup>55</sup>						
XX 01 02 11 04 – Studji & konsultazzjonijiet						
XX 01 02 11 05 – Sistemi tal-informatika						
<b>2 Total tal-Ispiża Oħra ta' Mmaniġġjar (XX 01 02 11)</b>	0.020	0.020	0.020	0.020	0.020	0.100
<b>3 Nefqa oħra ta' natura amministrattiva (speċifika inkluża referenza għal-linja tal-baġit)</b>						
<b>Spiża amministrattiva totali, minbarra r-riżorsi umani u spejjeż assoċjati, (MHUX inkluża fl-ammont ta' referenza)</b>	0.020	0.020	0.020	0.020	0.020	0.100

L-ispiża ta' laqgħat possibbli mhix inkluża fid-dikjarazzjoni finanzjarja preżenti minħabba li ser tkun parti mill-"envelopp globali" tad-DĠ MARKT.

Kalkolu – *Infiq ieħor amministrattiv mhux inkluż fl-ammont ta' referenza*

---

<sup>55</sup> Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jappartjeni għalih.